

Brussell, 26 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9394/25

DEVGEN 75
RELEX 654
ACP 31
SUSTDEV 37
ONU 26
FIN 556

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	26 ta' Mejju 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8927/25	
Suġġett:	Perkorsi għall-progress: nimmassimizzaw l-impatt għall-iżvilupp sostenibbli u l-prosperità globali - Konklużjonijiet tal-Kunsill qabel ir-raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp (26 ta' Mejju 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill qabel ir-raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp - Perkorsi għall-progress: nimmassimizzaw l-impatt għall-iżvilupp sostenibbli u l-prosperità globali, kif approvati mill-Kunsill fl-4099 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Mejju 2025.

Perkorsi għall-progress: nimmassimizzaw l-impatt għall-iżvilupp sostenibbli u l-prospertà globali

Konklużjonijiet tal-Kunsill qabel ir-raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp

1. Il-Kunsill jistenna b'interess ir-raba' Konferenza Internazzjonali li jmiss dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp (FfD4), li ser issir f'Sivilja mit-30 ta' Ġunju sat-3 ta' Lulju 2025 u ser tippreżenta opportunità importanti biex titħaffef l-azzjoni kollettiva lejn qafas ta' finanzjament globali mġedded għall-iżvilupp sostenibbli. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ li tavvanza din l-aġenda importanti permezz tat-tmexxija politika, l-għaqda u l-inklużività, u bħala sieħeb affidabbli, bil-ħsieb li din il-konferenza tkun suċċess abbażi ta' eżitu ambizzjuż u li jħalli impatt li jikkonferma r-rilevanza u r-rwol indispensabbli tal-multilateraliżmu.
2. Il-Kunsill jirrikonoxxi li minkejja progress importanti miksub fid-deċennju mit-tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp f'Addis Ababa, id-distakk fil-finanzjament kiber b'mod sinifikanti matul l-aħħar ħames snin, fejn laħaq madwar USD 4 triljun fis-sena¹, u hemm hteġa uġenti li jiġu indirizzati kwistjonijiet ġodda u dawk li fadal, kif ukoll sfidi sistemiċi għall-finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli.
3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-FfD4 ser isir f'ambjent ta' sigurtà, politiku, soċjali u ekonomiku mibdul b'mod sinifikanti. Għalhekk, il-Kunsill jibqa' mħasseb dwar l-impatt profond tax-xenarju globali li qed jevolvi, ikkaratterizzat mill-proliferazzjoni tal-kunflitti u t-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jikbru, l-attakki fuq il-kooperazzjoni internazzjonali u fuq l-iżvilupp inklużiv u sostenibbli, it-tfixkil, u l-kriżijiet u l-kunflitti persistenti, inkluż iż-żieda fit-tensjonijiet relatati mal-kummerċ li jpoġġu aktar pressjoni fuq is-sistema kummerċjali multilaterali. Dan jagħti l-ħabel lill-inċertezza ekonomika, ixekkel il-kooperazzjoni multilaterali, u jimmina l-fiduċja fis-sistema finanzjarja internazzjonali, u b'hekk iżid l-imprevedibbiltà, il-fraġilità u l-vulnerabbiltà fil-finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsill jisħaq li l-FfD4, meta fattibbli, għandha tagħti prijorità lir-rikonoxximent, tibni fuq u ttejjeb il-kisbiet, l-oqfsa, il-pjattaformi u l-inizjattivi eżistenti f'konformità mar-rwoli differenti u l-mandati speċifiċi tagħhom.

¹ OECD Global Outlook on Financing for Sustainable Development 2025.

4. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa qawwija li jkompli għaddejjin ir-riformi lejn arkitettura finanzjarja internazzjonali għall-iżvilupp aktar inklużiva, effiċjenti u rappreżentattiva, fil-qafas tal-mandat ta' kull istituzzjoni u li jibnu fuq il-progress li diġà sar. Nissottolinjaw il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-rappreżentanza u l-vuċi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-banek multilaterali tal-iżvilupp (MDBs) u f'istituzzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali oħra, biex ikompli jkun hemm istituzzjonijiet effettivi, responsabbli u leġittimi. Ir-rappreżentanza msaħħa trid timxi id f'id ma' responsabbiltà akbar. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza ta' passi lejn ir-riforma UN80. L-FfD4 hija opportunità vitali biex jitmexxew 'il quddiem ir-riformi tal-istrutturi ta' governanza globali u biex dawn jiġu adattati għas-seklu 21². Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn sod tal-UE għal multilateraliżmu effettiv u għall-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha.
5. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn sod mill-UE u l-Istati Membri tagħha li jimplimentaw il-Patt għall-Futur, l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri u r-Reżiljenza, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità, id-Dikjarazzjoni ta' Copenhagen dwar l-Iżvilupp Soċjali, id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid ukoll li l-faqar fil-forom u d-dimensjonijiet kollha tiegħu, u b'mod partikolari l-faqar estrem, jibqa' l-akbar sfida globali u l-qerda tiegħu hija rekwiżit indispensabbli għall-iżvilupp sostenibbli.
6. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jitnaqqas id-distakk fil-finanzjament globali għall-kisba tal-SDGs permezz tal-użu effettiv tas-sorsi kollha ta' finanzjament – pubbliċi u privati, domestiċi u internazzjonali – biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, kif mitlub ukoll fil-Patt għall-Prosperità, in-Nies u l-Pjaneta.

² 11422/24 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul id-79 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2024 – Settembru 2025.

7. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ilhom fuq quddiem nett fl-appoġġ tal-isforzi globali għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, li flimkien jirrappreżentaw 42 % tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) kollha llum. Filwaqt li jafferma l-Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp, il-Kunsill jikkonferma l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-prinċipji u l-oġettivi tal-iżvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet tiegħu, it-tnaqqis u, fuq żmien twil, il-qerda tal-faqar estrem, it-tmim tal-ġuħ³ u l-forom kollha ta' malnutrizzjoni u l-kisba tas-sigurtà tal-ikel, l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, u d-degradazzjoni ambjentali, il-protezzjoni tal-oċean, it-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri, il-vulnerabbiltajiet u l-inugwaljanzi, inkluż l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Dan l-impenn għandu wkoll rwol kruċjali fl-agrikoltura u fis-sistemi tal-ikel tal-ekonomiji rurali.⁴ Dan għandu jiġi appoġġat, fost l-oħrajn, b'impnġi kollettivi u individwali dwar il-finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż dwar l-ODA⁵. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn kollettiv li nżidu u nissodisfaw l-impnġi rispettivi tagħna tal-ODA, inkluż l-impenn mill-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-aktar żviluppatti li jilhqgħu l-għanijiet ta' 0.7 fil-mija tal-introjtu nazzjonali gross għall-ODA⁶ u 0.15 sa 0.20 fil-mija tal-introjtu nazzjonali gross għall-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp lill-pajjiżi l-anqas żviluppatti (LDCs).
8. Il-Kunsill jikkonferma l-impenn globali tal-UE li ssaħħa l-impatt u s-sħubijiet internazzjonali ta' benefiċċju reċiproku u li tibqa' sieħeb affidabbli, kredibbli u solidu, filwaqt li taħdem lejn il-kisba tal-SDGs. Permezz tal-Global Gateway, l-UE u l-Istati Membri tagħha, filwaqt li jaħdmu f'approċċ ta' Tim Ewropa, flimkien mal-istituzzjonijiet finanzjarji u s-settur privat, jappoġġaw lill-pajjiżi sħab billi jisfruttaw l-investimenti fl-infrastruttura b'enfasi fuq is-setturi diġitali, tal-klima u tal-enerġija, tat-trasport, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka, u billi jappoġġaw ambjent abilitanti għall-investimenti. Il-Global Gateway għandu jkompli jtejjeb ukoll il-kundizzjonijiet għal investimenti ta' kwalità permezz ta' assistenza teknika, djalogu ta' politika, ftehimiet kummerċjali u ta' investment, u oqfsa ta' standardizzazzjoni u regolatorji.

³ F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar fl-appoġġ tiegħu għall-inizjattiva tal-G20 "Alleanza Globali Kontra l-Ġuħ u l-Faqar".

⁴ Dan huwa f'konformità mal-Kumitat dwar il-Prinċipji tas-Sigurtà tal-Ikel għal Investiment Responsabbli fis-Sistemi Agrikoli u tal-Ikel (CFSRAI).

⁵ 11339/24, Ir-Rapport Annwali 2024 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp – Konklużjonijiet tal-Kunsill (24 ta' Ġunju 2024).

⁶ L-Istati Membri li ssieħbu fl-UE wara l-2002 impenjaw ruħhom li jaħdmu bis-sħiħ biex iżidu l-ODA/ING tagħhom għal 0.33 %.

9. Il-Finanzjament għall-Iżvilupp huwa sforz wiesa' li jkopri l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi (DRM), il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa u l-għlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti (IFFs), l-infiq pubbliku aktar effiċjenti u l-ġestjoni tad-dejn sovrani, l-ODA, u l-flussi finanzjarji privati.
10. Il-Kunsill iqis li politiki ġusti u effettivi dwar it-taxxa u l-infiq huma kruċjali għat-titjib tad-DRM għall-finanzjament tal-iżvilupp u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi. Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa u jiġi żgurat li r-regoli internazzjonali tat-taxxa jirrispondu għall-ħtiġijiet, il-prijoritajiet u l-kapaċitajiet differenti tal-pajjiżi kollha, il-Kunsill huwa determinat li jikkunsidra modi kif isaħħaħ il-vuċi u r-rappreżentanza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-arkitettura internazzjonali tat-taxxa, filwaqt li jenfasizza l-importanza ta' analiżi bir-reqqa tal-implikazzjonijiet tal-oqfsa internazzjonali ta' kooperazzjoni fiskali għall-pajjiżi kollha. Il-Kunsill isostni appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali, teknoloġiċi u umani bbażat fuq id-domanda lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jgħinhom itejbu l-politiki fiskali u l-amministrazzjoni tad-dħul tagħhom. Il-Kunsill jagħraf il-ħidma diġà prodotta taħt il-Qafas tal-G20-OECD, filwaqt li jhegġegħ il-kontinwazzjoni tagħha u li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u jieħu nota tan-negozjati li għaddejjin dwar Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa u l-protokollu tagħha. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġu esplorati modi innovattivi biex jinstab finanzjament ġdid għall-pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw.
11. Il-Kunsill itenni l-importanza li jiġi mobilizzat il-finanzjament privat lejn l-iżvilupp sostenibbli, inkluż għall-ingranaġġ ta' riżorsi pubbliċi domestiċi, bilaterali, trijangolari u multilaterali biex jinkisbu l-iskala u l-impatt. Il-Kunsill jappella għall-użu effettiv ta' strumenti finanzjarji innovattivi b'addizzjonalità finanzjarja, inkluż garanziji u mekkaniżmi oħra ta' kondiviżjoni tar-riskju, fondi ta' investiment pubbliċi-privati, kif ukoll bonds ekoloġiċi u blu u jinkoraġġixxi koordinazzjoni u armonizzazzjoni aħjar ta' dawn l-għodod biex jiġi massimizzat l-impatt tagħhom. Il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat biex titmexxa 'l quddiem l-aġenda tal-finanzjament għall-iżvilupp timxi id fid ma' sħubijiet imġedda ta' benefiċċju reċiproku bbażati fuq sjieda sħiħa mill-pajjiżi, b'mod partikolari fit-tisħiħ tal-istituzzjonijiet pubbliċi u l-governanza ekonomika tagħhom, u fl-iżvilupp ta' ambjent tan-negozju abilitanti li jinċentiva l-investimenti privati. Jappoġġa wkoll il-mobilizzazzjoni ta' rimessi u investiment tad-dijaspora għall-iżvilupp sostenibbli.

12. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol katalitiku tal-ODA fl-ingranaġġ ta' sorsi pubbliċi u privati oħra ta' finanzjament, bħad-DRM, il-finanzjament imħallat u l-investiment privat sostenibbli. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jisħaq ukoll fuq l-importanza akbar ta' mezzi mhux finanzjarji ta' implimentazzjoni għall-kisba tal-SDGs, kif ukoll l-importanza li jibqa' jingħata l-aċċess għal finanzi konċessjonali u għotjiet, speċjalment għal setturi kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli li mhumieq attraenti għall-investiment tas-settur privat. Il-kooperazzjoni trijangolari sservi wkoll bħala modalità ewlenija biex jitqiegħdu f'pothom il-kundizzjonijiet xierqa għall-Kooperazzjoni Tramuntana-Nofsinhar u Nofsinhar-Nofsinhar u tiżgura li s-soluzzjonijiet tal-iżvilupp ikollhom impatt, ikunu trasformattivi, u mmexxija lokalment.
13. Il-Kunsill jilqa' l-konsiderazzjoni li qed tingħata lill-użu ta' miżuri komplementari ta' progress li jmorru lil hinn mill-prodott domestiku gross (PDG), inkluż l-Indiċi ta' Vulnerabbiltà Multidimensjonali u indikaturi potenzjali oħra li jieħdu kont tal-vulnerabbiltà u l-inugwaljanza. Il-Kunsill jagħraf il-ħtieġa li jissaħħaħ l-appoġġ għall-pajjiżi li jiggradwaw u li reċentement iggradwaw mill-istatus ta' LDC, permezz ta' inċentivi u miżuri xierqa mfassla apposta għall-kuntest ta' kull pajjiż u maħsuba biex jimminimizzaw it-tfixkil fit-trajettorja tal-iżvilupp tagħhom. Il-Kunsill jieħu nota tal-ħidma li għaddejja tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD f'dan il-qasam.
14. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtiġijiet u l-isfidi differenti li jiffaċċaw pajjiżi f'sitwazzjonijiet speċjali, bħal-LDCs, il-pajjiżi mingħajr kosta li qed jiżviluppaw (LLDCs) u l-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDS), kif ukoll l-isfidi speċifiċi ffaċċati minn pajjiżi b'introitu medju u pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' wara kunflitt, u pajjiżi partikolarment esposti għat-tibdil fil-klima jew li qed jiffaċċaw vulnerabbiltajiet finanzjarji. Il-Kunsill ihegġegħ lill-istituzzjonijiet kollha tal-iżvilupp iqisu aħjar il-fatturi li jikkawżaw il-vulnerabbiltà fl-analiżi u l-azzjoni tagħhom.

15. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa urġenti li tinbena reżiljenza, b'mod partikolari fil-kuntesti affettwati minn kunflitti u esposti għal fraġilità għolja u estrema, b'enfasi fuq l-indirizzar tal-ħtiġijiet immedjati u l-investiment fil-prevenzjoni. F'termini ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' strateġiji ta' żvilupp infurmati dwar ir-riskju u azzjoni antiċipatorja, immirati lejn it-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet u t-trawwim ta' rkupru sostenibbli u inklużiv. B'kont meħud li 40 fil-mija ta' dawk li jgħixu f'faqar estrem u għu jinsabu f'pajjiżi milquta minn kunflitti, il-Kunsill jappella lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali – kemm fil-kwartieri ġenerali kif ukoll fuq il-post – jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw u japplikaw soluzzjonijiet ta' finanzjament innovattivi u flessibbli għall-prevenzjoni ta' kunflitti, il-konsolidazzjoni tal-paċi, u ż-żamma tal-paċi. Dawn l-approċċi għandhom jibnu fuq l-aħjar prattiki, jallinjaw mal-prijoritajiet nazzjonali, u jappoġġaw implimentazzjoni koordinata u speċifika għall-kuntest f'ambjenti affettwati minn kunflitti.
16. Il-Kunsill jerġa' jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jinbnew soċjetajiet paċifiċi, ġusti u inklużivi li jipprovdu aċċess ugwali għall-ġustizzja u li huma bbażati fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE għal approċċ bilanċjat lejn it-tliet pilastri tan-NU: it-trawwim tal-paċi u s-sigurtà, it-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem.
17. Il-Kunsill jissottolinja li l-iżvilupp sostenibbli issa jseħħ f'dinja li hija affettwata ħafna mill-kriżi planetarja tripla. Fil-livell tal-pajjiżi, nappellaw għal proċess integrat ta' ppjanar tal-iżvilupp sostenibbli li jiġbor flimkien il-forom u s-sorsi kollha ta' finanzjament, inkluż il-finanzjament għall-klima u l-bijodiversità. F'konformità mad-deċizzjoni dwar l-Għan Kollettiv Ġdid Kwantifikat adottata fil-Konferenza tal-Partijiet li serviet bħala l-laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim ta' Pariġi fis-sitt sessjoni tagħha, il-Kunsill jappella lill-atturi kollha jaħdmu flimkien biex ikun jista' jiżdied il-finanzjament għall-azzjoni klimatika mis-sorsi pubbliċi u privati kollha għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kunsill ifakkar li jekk il-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima, dan jista' jiżblokka investiment fl-azzjoni klimatika fuq skala kbira u jappella lill-atturi kollha jaħdmu lejn dak l-oġettiv. Għandu jitqies ukoll l-eżitu tat-tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Oċeani għal azzjoni sostenibbli dwar l-oċeani.

18. Il-Kunsill huwa favur it-tisħiħ tal-arkitettura tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp, li tibni fuq il-punti b'saħħithom u l-għarfien espert tal-entitajiet rilevanti u tiżgura li tkun adegwata għall-użu biex taċċellera l-finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsill itenni l-appoġġ tiegħu għall-effettività tal-iżvilupp u l-prinċipji tiegħu ta' sjieda tal-pajjiż u t-tmexxija minnhom, enfasi fuq ir-riżultati, sħubijiet inklużivi u trasparenza, u responsabbiltà reċiproka. Il-Kunsill jappoġġa l-pjanijiet, l-istrateġiji u l-pjattaformi mmexxija mill-pajjiżi, bħall-Oqfsa ta' Finanzjament Nazzjonali Integrati, bħala bażi għall-involviment mas-sħab kollha għall-iżvilupp. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' ambjenti abilitanti li jwasslu għall-finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli u l-importanza ta' tmexxija u impenn mill-partijiet ikkonċernati u l-awtoritajiet nazzjonali, li għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-iżvilupp ta' pajjiżhom. Dan għandu wkoll rwol kruċjali fl-agrikoltura u fis-sistemi tal-ikel tal-ekonomiji rurali.⁷
19. Il-Kunsill jenfasizza l-impenn tiegħu għal governanza tajba u l-istat tad-dritt, u għall-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus u l-kriminalità organizzata fil-livelli u l-oqsma kollha, kif ukoll IFFs derivati minnhom, li jibnu fuq oqfsa eżistenti bħat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF). Dawn kollha huma fatturi kruċjali għall-ħolqien ta' ambjenti ta' investiment favorevoli li jattiraw kemm investiment domestiku kif ukoll internazzjonali u jippromwovu tkabbir inklużiv u sostenibbli. Il-ġestjoni trasparenti, effiċjenti u responsabbli tal-finanzi pubbliċi u tad-dejn u l-koerenza ġenerali tal-politika għall-iżvilupp sostenibbli, huma essenzjali wkoll f'dak ir-rigward.
20. Il-Kunsill jisħaq li x-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni huma muturi ewlenin biex jintlaħqu l-SDGs u jenfasizza l-importanza tat-trasferiment tat-teknoloġija fuq termini volontarji u maqbula b'mod reċiproku, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-għarfien u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jirrikonoxxi li t-tisħiħ tal-kapital uman u l-ħiliet huwa mutur trażversali tal-produttività, ir-reżiljenza u t-tkabbir inklużiv, u fattur ewlieni fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet abilitanti għall-investiment u l-innovazzjoni.

⁷ Dan huwa f'konformità mal-Kumitat dwar il-Prinċipji tas-Sigurtà tal-Ikel għal Investiment Responsabbli fis-Sistemi Agrikoli u tal-Ikel (CFSRAI).

21. Il-Kunsill itenni l-impenn sħiħ tiegħu għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-indipendenza finanzjarja tagħhom u jfakkar fil-hteġa li perspettiva tal-ġeneru tiġi integrata b'mod sistematiku fil-politiki, il-programmi, il-modalitajiet u l-baġits kollha. F'dan ir-rigward, l-UE tissottolinja l-importanza li jinħolqu l-kundizzjonijiet biex jiġu mobilizzati biżżejjed riżorsi domestiċi, u jitrawmu parteċipazzjoni u tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikattivi tal-organizzazzjonijiet mis-soċjetà ċivili sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-Kunsill jissottolinja li l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali u l-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs) għandhom rwol ċentrali fil-promozzjoni ta' miżuri ta' politika reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, inkluż politiki fiskali u finanzjarji, u jikkatalizzaw l-investimenti f'setturi li huma ċentrali biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi strutturali b'mod ġenerali u l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri b'mod partikolari.
22. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-importanza tad-data u l-istatistika biex jitkejjel il-progress lejn l-SDGs u jintrifed it-teħid ta' deċizzjonijiet ibbażat fuq l-evidenza. Il-Kunsill jissottolinja l-valur tal-istatistika tal-ODA u r-rwol tal-OECD/DAC fil-monitoraġġ tal-ODA. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-istandard tal-Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli (TOSSD) bħala sors ta' data għal kejl aħjar, u titjib tat-trasparenza tar-riżorsi u l-għarfien dwarhom li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, filwaqt li jaqbd u l-flussi uffiċjali u l-ammonti privati kollha mobilizzati biex jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsill jesprimi r-rieda tal-UE li tesplora modi aktar inklużivi u aktar trasparenti biex tiddefinixxi u tkejjel il-finanzjament għall-iżvilupp, inkluż permezz ta' użu mtejjeb ta' data għall-valutazzjoni tar-riskju u l-allokazzjoni tar-riżorsi. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni kif ukoll azzjonijiet ta' segwitu fir-rigward ta' riżorsi eżistenti biex jissaħħu r-responsabbiltà u t-tagħlim fl-isforzi lejn żvilupp sostenibbli u prosperità globali.
23. Il-Kunsill jissottolinja wkoll ir-rieda tiegħu li jissaħħaħ l-appoġġ għall-pajjiżi sħab permezz ta' sforzi mmirati għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-istituzzjoni, u inkluż it-taħriġ ta' uffiċjali tal-gvern. Dan l-appoġġ għandu jiffoka, fost l-oħrajn, fuq il-ħolqien ta' ambjenti abilitanti li jrawmu l-iżvilupp tan-negozju u t-tkabbir ekonomiku, il-formulazzjoni ta' strumenti ta' finanzjament innovattivi u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali għal ġestjoni finanzjarja pubblika tajba, inkluż il-ġestjoni tad-dejn. Barra minn hekk, il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex il-pajjiżi jiġu appoġġati fit-titjib tal-ġbir tad-dħul domestiku u fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki pubbliċi effettivi, f'konformità mal-prijoritajiet ta' żvilupp nazzjonali tagħhom.

24. Il-Kunsill jisħaq fuq l-impenn tiegħu li jfittex soluzzjonijiet fit-tul għad-dejn sovrani insostenibbli, l-importanza kritika li l-pajjiżi jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn u jżidu l-ispazju fiskali biex jintlaħqu l-SDGs, u l-ħtieġa li l-pajjiżi jiġu appoġġati f'dawn l-isforzi permezz ta' prevenzjoni aħjar u mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni mtejbja. Il-Kunsill jilqa' l-progress kritiku li sar f'każijiet reċenti ta' ristrutturar tad-dejn taħt u barra l-Qafas Komuni għat-Trattament tad-Dejn tal-G20. Il-prijorità illum mhijiex li jinħolqu strumenti ġodda għas-serħan mid-dejn, iżda li tiżdied l-implimentazzjoni ta' inizjattivi li qed jagħtu riżultati pożittivi. Għal din ir-raġuni l-Kunsill jappella għal sforzi ulterjuri biex tiżdied l-implimentazzjoni tal-Qafas Komuni b'mod aktar prevedibbli, f'waqtu, ordnat u koordinat.
25. L-arkitettura tad-dejn internazzjonali jeħtieġ li tissaħħaħ sabiex tqis aħjar it-tħassib u l-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-indirizzar tas-sostenibbiltà tad-dejn huwa ta' importanza kbira, anke permezz tad-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati ewlenin dwar il-prinċipji eżistenti ta' teħid u għoti ta' self responsabbli. Għal dan l-għan, il-Kunsill jappoġġa l-istabbiliment ta' djalogu annwali bejn l-istituzzjonijiet tan-NU, il-pajjiżi li qed jiffaċċaw vulnerabbiltajiet tad-dejn, il-Klabb ta' Pariġi, fost kredituri uffiċjali oħra, u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u l-Bank Dinji (WB) bħala osservaturi, biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' politika dwar id-dejn.
26. Il-Kunsill ifaħħar ukoll il-ħidma tal-FMI u tal-Bank Dinji fuq approċċ fuq tliet pilastri biex jiġu appoġġati pajjiżi b'introjtu baxx u pajjiżi b'suq emerġenti vulnerabbli li qed jiffaċċaw sfidi ta' likwidità, iżda li d-dejn tagħhom huwa sostenibbli. Fl-istess ħin, iqis li l-appoġġ ta' likwidità ma għandux idewwem ir-ristrutturar jekk ikun meħtieġ. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' żieda fit-trasparenza tad-dejn u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet. Il-Kunsill ifakkar fl-appell fil-Patt għall-Futur biex jiġi promoss użu akbar ta' tpartit tad-dejn għall-SDGs, inkluż tpartit tad-dejn għall-klima jew in-natura, lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif xieraq, u jappoġġa l-użu ta' tpartit tad-dejn abbażi ta' każ b'każ. Il-Kunsill jappoġġa wkoll l-integrazzjoni tal-klawżoli ta' pawża tad-dejn fis-self uffiċjali, fejn xieraq.

27. L-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jkunu impenjati bis-siġh għal FMI b'saħħtu, ibbażat fuq il-kwoti u b'riżorsi adegwati fiċ-ċentru tax-Xibka Dinjija ta' Sikurezza Finanzjarja (GFSN). L-Istati Membri tal-UE jafferaw mill-għid l-impenn tagħhom lejn il-FMI li jibqa' adattat għall-iskop tiegħu biex jindirizza l-isfidi tas-seklu 21. Il-Kunsill jissottolinja l-hteġa għal appoġġ imsaħħa li għandu jiġi pprovdut lill-Banek Pubbliċi tal-Iżvilupp (PDBs) sabiex tissaħħa il-kapaċità istituzzjonali tagħhom u b'hekk jiġi mmassimizzat l-impatt tagħhom. Il-Kunsill jappoġġa kooperazzjoni msaħħa bejn il-PDBs, l-MDBs, u s-sistema finanzjarja usa', li tibni fuq il-ħidma tan-network Finance in Common.
28. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol fundamentali tal-MDBs fl-avvanz tal-progress lejn l-għanijiet tal-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi. L-UE tappoġġa l-isforzi importanti ta' riforma tal-MDBs hekk kif iwettqu b'mod aktar effettiv il-missjonijiet tagħhom bl-għan li jeqirdu l-faqar estrem u jagħtu spinta lill-prosperità kondiviża, u filwaqt li jindirizzaw sfidi globali bħall-fraġilità u kunflitti, it-tibdil fil-klima, it-telf tal-biodiversità, it-tniġġis u l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-MDBs isaħħu ulterjorment l-impatt tagħhom b'enfasi speċifika fuq il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, speċjalment dawk l-aktar lura u l-aktar vulnerabbli.
29. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella lill-MDBs itejbu l-kollaborazzjoni u l-koordinazzjoni tagħhom kemm bejniethom kif ukoll ma' atturi oħra tal-iżvilupp, inkluż is-sistema tan-NU, id-donaturi bilaterali, u s-settur privat, sabiex jiżdiedu s-sinerġiji, tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġi żgurat appoġġ koerenti.
30. Il-Kunsill jappoġġa l-Pjan Direzzjonali tal-G20 għal MDBs aħjar, akbar u aktar effettivi, u jħeġġeġ lill-MDBs jimplimentaw malajr, inkluż bit-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tagħhom u l-effiċjenza tal-użu tal-kapital tagħhom permezz ta' miżuri marbuta mal-qafas tal-adegwatezza kapitali u mal-ottimizzazzjoni tal-karta tal-bilanċ, filwaqt li jissalvagwardaw is-sostenibbiltà finanzjarja fit-tul tagħhom, mingħajr ma jtilfu l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu għoljin u robusti tagħhom u t-trattament ta' kreditur preferut, u jissalvagwardjaw il-klassifikazzjonijiet A tripla tagħhom fejn applikabbli. Il-Kunsill jappella lill-MDBs ikomplu jtejjbu l-mod kif jaħdmu bħala sistema u jissiehu mal-gvernijiet, il-banek tal-iżvilupp nazzjonali u sottonazzjonali, il-fondi vertikali għall-klima, u s-settur privat, inkluż l-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju, biex jimmassimizzaw l-impatt tal-iżvilupp.

31. L-Istati Membri tal-UE kollettivament wiegħdu madwar USD 37 biljun ta' twassil volontarju ta' Drittijiet Speċjali ta' Prelevament (SDRs) (jew kontribuzzjonijiet ekwivalenti) lejn il-Fond Fiduċjarju għar-Reżiljenza u s-Sostenibbiltà (RST) u l-Fond Fiduċjarju għat-Tnaqqis tal-Faqar u t-Tkabbir (PRGT) u huma fuq quddiem fit-trasferiment tar-riżorsi lill-fondi fiduċjarji tal-FMI, bit-twassil ta' madwar USD 35 biljun. Il-Kunsill ihegġegħ lill-pajjiżi f'pożizzjoni li jagħmlu dan biex jikkunsidraw kontribuzzjonijiet volontarji ġodda biex isaħħu kemm il-PRGT kif ukoll l-RST, u biex iwettqu l-wegħdiet tagħhom, sabiex ir-riżorsi jkunu disponibbli b'mod effettiv għall-pajjiżi vulnerabbli. Il-Kunsill ihegġegħ ukoll lill-pajjiżi f'pożizzjoni li jagħmlu dan biex jikkunsidraw li jappoġġaw ir-ridirezzjonar tal-SDRs permezz tal-MDBs, filwaqt li jirrispettaw l-oqfsa legali rilevanti u jippreservaw il-karattru ta' assi ta' riżerva tal-SDRs.
32. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-kummerċ bħala mutur għall-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsill itenni l-appoġġ tiegħu għal sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, mhux diskriminatorja, ġusta, miftuħa, inklużiva, ekwa, sostenibbli u trasparenti, bl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fil-qalba tagħha. Barra minn hekk, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jappoġġa l-integrazzjoni effettiva tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli u remoti, bħal-LDCs, l-LLDCs u l-SIDS, fil-ktajjen tal-valur reġjonali u globali.
33. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali u l-promozzjoni tal-integrazzjoni kummerċjali, li huma essenzjali għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-iżgurar ta' parteċipazzjoni ekonomika globali aktar inklużiva u diversifikata. L-UE hija l-akbar fornitur ta' Għajnuna għall-Kummerċ, inkluż kemm l-investimenti fl-infrastruttura kif ukoll il-kapaċità produttiva permezz tal-offerta tal-Global Gateway tagħha u l-appoġġ għal miżuri mhux vinkolanti biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-kummerċ u tal-investiment filwaqt li jiġu indirizzati wkoll l-effetti konsegwenzjali potenzjali biex jiġi żgurat li tali appoġġ jikkontribwixxi għal eżiti sostenibbli u inklużivi. Il-Kunsill jikkonferma l-impenn tal-UE li tinkludi miżuri fil-ftehimiet kummerċjali tagħha biex tiżgura li l-kummerċ ikollu impatt pożittiv fuq l-iżvilupp sostenibbli.
34. Il-Kunsill jissottolinja li l-aġenda tal-finanzjament għall-iżvilupp trid tkun koerenti, inklużiva, effettiva u aktar effiċjenti u li l-partijiet ikkonċernati kollha fil-livelli kollha, inkluż is-soċjetà ċivili u s-settur privat, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, iridu jkunu involuti b'mod sinifikattiv u jagħmlu l-parti tagħhom.